# KARATTERISTIĊI TAL-BIZZILLA MALTIJA

**Il-bizzilla Maltija hija maħduma f'biċċiet: (i) inserzjoni u/jew ma' inserzjonijiet oħra; u (ii) bordura. Dawn huma meħjuta jew flimkien jew mad-drapp. Il-forom tagħhom ivarjaw. Il-bizzilla Maltija tista' tinħadem f'kull forma ġeometrika bħal fit-tond, nofs tond, ovali, ovali tawwali, kwadra, rettangolari, trapeżju, eżagonali, ottagonali, kif ukoll f'forom irregolari. It-tul u l-qisien ivarjaw ukoll. Kull biċċa tinħadem fuq kuxxinata tat-trajbu.**

## IL-ĦIDMA TAL-BIZZILLA MALTIJA

Il-ħajt jew materjal ieħor biex taħdem il-bizzilla Maltija jrid ikun adattat skont ix-xempju. Iktar ma x-xempju jkun impitter żgħir u fin, iktar il-bizzilla trid tinħadem b'ħajt irqiq. Biex taħdem b'ħajt eħxen, ix-xempju jrid ikun ferm ikbar.

Il-ħaddiema tal-bizzilla jagħżlu huma fejn jiġi quddiem jew wara tax-xogħol, skont it-teknika ta' fejn jgħaddu l-pari taċ-ċombini waqt li jkunu qed jaħdmu l-bizzilla.

## TERMINI MARBUTA MAX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA MALTIJA

**Inserzjoni**, jgħidulha wkoll '**ta' ġewwa**', hija tul ta' bizzilla li tkun meħjuta jew ma' inserzjoni oħra jew ma' bordura. Għandha turnetta maż-żewġ naħat.

**Il-bordura** hija l-parti ta' barra, it-tarf, ix-xaqliba u għandha turnetta u ras (id-disinn maġġuri tat-tarf). Tista' tkun wiesgħa, dejqa jew irqiqa. Tista' tkun biċċa dritta, b'tarf skont il-forma, jew f'forma oħra bħal ċirku jew immewweġ fost oħrajn.

Kemm l-**inserzjonijiet** kif ukoll il-**borduri** jistgħu jinkludu disinji ġeometriċi differenti, bħall-kannizzata, festuni u sfond.

It-**turnetta** hija t-tarf rinfurzat maħduma biex tinħiet jew mad-drapp jew ma' biċċiet oħra tal-bizzilla li għandhom turnetta wkoll, inkella t-turnetta tinħiet mat-tejjel. Jgħidulha wkoll **turnetta biż-żewġ**.

**Ir-ras**, id-disinn maġġuri, hija t-tarf ta' barra tad-disinn li tista' tkun dritta, immewwġa jew b'forma dekorattiva oħra bħall-imriewaħ, pizzi maħduma ċombatur jew bil-par mibrum.

L-i**sfond** huwa mili ta' madwar il-bizzilla, maħdum b'punti ripetittivi bħall-isfond tal-punt xibka u l-isfond tal-moski li jgħidulu wkoll taċ-ċappa, fost punti oħrajn.

Il-**festun** jista' jkun b'forma ta' ċirku, ovali, kwadru u jinkorpora fih disinn bħalma huwa l-festun tas-Salib ta' Malta, il-festun tal-istilla u l-festun tax-xemx.



Kullar tal-Bizzilla Maltija



Bordura tal-Bizzilla Maltija



Runner tal-Bizzilla Maltija

© 2021 Heritage Malta Publishing